**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. RACHEL MONTEBELLO**

**Kumpilazzjoni Numru 407/2021**

**IL-PULIZJA**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Roxanne Tabone)**
**-Vs-**

**NOEL SCIBERRAS**

**Illum, 1 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi **NOEL SCIBERRAS** detentur tal-Karta ta' l-Identita' 501701L u residenti 20, Triq Bernard Blanc, Birkirkara, tressaq quddiemha akkuzat:-

1. talli nhar il-25 ta' Ġunju 2021, għall-ħabta ta' bejn l-09:45Hrs u 10:00Hrs ta' filgħodu minn ġewwa Maltco Lotto Office bin-numru 166 li jinsab fi Triq Dun Filippu Borg, Birkirkara ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta' Maria Concetta Debono u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-

ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Maria Concetta Debono anzjana ta' 61 sena kontra l-volonta' tagħhom u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg ohra u/jew biex ikunu mġiegħlha jaccettew li jagħmlu xi trasferiment ta hwejjiġhom;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu licenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kisret il-provedimenti ta' probation order moghtija fil-konfront taghha b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D, datata 14 ta' Mejju 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel.

5. U aktar talli fl-istess dati ħinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħ tija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi jaqraw l-akkuzi u jikkonfermawhom bil-gurament u semghet ukoll lill-imputat waqt l-ezami jwiegeb li huwa hati;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu

anke wara illi l-Qorti ikkoncedietlu zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli ghal kull wahda.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet jaqblu li s-somma effettivament misruqa mill-imputat hija ta' tliet mitt Euro (€300) u semghet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-Pulizija Ezekuttiva irkuprat u ghandha f'idejha l-ammont ta' mija u hamsin Euro (€150) mill-ammont totali misruq u tinsab ukoll f'pozizzjoni li trodd dan l-ammont lill-parti offiza Maria Concetta Debono;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li l-imputat ammetta l-htija tieghu mal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni u l-fatt illi mill-ammont misruq – li m'huwiex wiehed notevoli - il-Pulizija rnexxielha tirkupra minghand l-imputat nofs is-somma misruqa.

Izda fuq kollox il-Qorti qieset il-gravita` tas-serqa li l-imputat gie akkuzat biha fl-ewwel imputazzjoni, liema serqa twettqet bil-vjolenza u bis-sekwestru tal-vittma, Maria Concetta Debono, li mhux biss inzammet kontra l-volonta' taghha mill-imputat

izda wkoll giet mheddha minnu b'sikkina li kien qed igorr minghajr licenzja skont il-ligi. Ikkunsidrat ukoll illi l-gravita' tar-reat tkompli tizdied minhabba l-fatt illi l-vittma ghandha iktar minn sittin sena, skont kif del resto jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha, Dok. LZ6. Il-Qorti ma tistax twarrab ukoll il-konsiderazzjoni li mis-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni dwar il-piena, jirrizulta li din is-serqa kienet ippjanat minn qabel u twettqet kif twettqet deliberatament mill-imputat li ha hsieb jibdel l-ilbies tieghu u jarmi s-sikkina: fatti li ma gewx kontradetti mid-difiza li min-naha taghha sahqet illi l-imputat wettaq ir-reat biex ihallas lura lil missieru ta' xi flus neqsin min-negozju tieghu. Il-Qorti tqis li hi x'inhi r-raguni ghaliex gie kommess dan ir-reat, is-serq ma huwa qatt gustifikabbli u r-raguni moghtija mid-difiza zgur li ma tistax isservi bhala xi attenwanti. Ghall-kuntrarju, il-Qorti hi tal-fehma li s-serq, *multo magis* serqiet li jigu kommessi fic-cirkostanzi bhal dawk tal-kaz in dizamina, huma kundannabbli bl-iktar mod iebes ghaliex l-effett inevitabbli taghhom huwa d-disturb serju tal-aspettattiva legititma ta' kull persuna civilizzata li tghix il-hajja taghha u taghmel l-affarijiet taghha ta' kuljum bit-trankwillita' u s-serhan tal-mohh u minghajr il-biza' ghall-inkolumita' taghha u tal-proprjeta' taghha.

Il-Qorti naturalment qieset ukoll il-fatt illi l-imputat ammetta wkoll li huwa recidiv - ghalkemm dan il-fatt ma jirrizultax mill-fedina penali tieghu li giet inserita fl-atti - kif ukoll il-fatt illi r-reat twettaq waqt il-perijodu ta' Ordni ta' Probation li l-imputat gie mqieghed tahtha permezz ta' sentenza tal-14 ta' Mejju 2019. Madanakollu, peress li mill-atti ma jirrizultax x'kienu r-reati li dwarhom l-imputat kien tqieghed taht l-Ordni ta' Probation, u lanqas il-perijodu tal-istess Ordni, il-Qorti m'hijiex f'pozizzjoni li tittratta effettivament lill-hati ghal dawn ir-reati kif mahsub fl-Artikolu 23 tal-Kap. 446. Izda fl-istess hin il-Qorti tifhem illi l-imputat minkejja li nghata opportunita` li jirriforma ruhu permezz ta' sanzjoni fil-komunita`, mhux biss ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn dan il-beneficcju izda ghazel li jkompli jghix hajja ta' kriminalita`. Minn dan kollu l-Qorti tqis li l-imputat m'huwiex kandidat eligibbli ghal sanzjoni fil-komunita` u hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena karcerarja effettiva

anke ghaliex hija prekluza milli tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 minhabba l-provvedimenti tal-Artikolu 28A(7)(c) tal-Kap. 9.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(e), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 275, 276A, 277(b), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda fuq ammissjoni ssib lil NOEL SCIBERRAS hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi, u tikkundannah tliet (3) snin prigunerija effettiva. Tikkundannah ukoll ghal multa fis-somma ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati jirrestitwixxi lill-parti offiza, Maria Concetta Debono, is-somma ta' mija u hamsin Euro (€150) fi zmien tliet (3) xhur mil-lum. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Maria Concetta Debono, qieghda b'zieda mal-piena, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess NOEL SCIBERRAS tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn mid-data li l-piena inflitta b'din is-sentenza, tigi skontata, u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digriet moghti kontestwalment.**

**Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti nominati fl-istadju tal-process verbali tal-Inkjesta fl-ammont li talvolta jigi stabbilit.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti.**

**Tordna wkoll li l-atti tal-proċeduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Generali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**